MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 874/2010

**MOBISLE COMMUNICATIONS LIMITED**

**vs**

**Denise CAUCHI**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fit-30 ta' Gunju, 2010 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' mija hamsa u tmenin euro u sbatax-il centezmu ta' euro (€185.17) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Jintalab illi il-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ammont ta' €185.17 liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 2059 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-25 ta' Mejju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-verbal tal-25 ta' Mejju, 2012 fejn Dott. Keith Grech ghas-socjeta attrici talab li l-affissjoni fl-indirizz tad-dar tal-konvenuta ma ssirx u dan a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 li jghid li l-affissjoni ssir safejn hu possibbli[1]. It-Tribunal laqa t-talba.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta' Mejju, 2012 u l-fatt li l-

---

[1] "(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom ilpersuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f 'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jaw twaħħil" – sottolinejar tat-Tribunal.

konvenuta naqset li jidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija hamsa u tmenin euro u sbatax-il centezmu ta’ euro (€185.17), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier tag

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------